**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Subbasta Numru 23/2023**

***Bank of Valletta p.l.c.***

***vs***

***Dottor Edric Bonello et***

**Illum it-30 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-subbastati l-konjuġi Bonello preżentat fit-13 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema intalab it-twaqqif tal-bejgħ b'l-irkant ta' l-immobbli indikat fir-rikors promotur.

Rat ir-risposta tas-soċjeta subbastandi l-Bank of Valletta plc preżentata fit-23 ta' Ottubru 2023 permezz ta' liema opponiet it-talba.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-att tas-subbasta.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad li s-sospensjoni tal-bejgħ b'l-irkant huwa rimedju provviżorju kontemplat fil-Liġi permezz ta'l-artikolu 326 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minn qari ta' l-artikolu 326 jemerġi li sospensjoni għandha tintlaqa' jekk ikun jeżisti "*impediment leġittimu*". Il-liġi pero hija siekta dwar x'jista' jikkostitiwixxi dan l-impediment leġittimu, għalhekk huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tiddetermina f'kull każ partikolari jeżistux ċirkostanzi li jiġġustifikaw it-twaqqif tal-bejgħ.

Illi fir-rikors odjern ir-rikorrenti, wara li spejgaw raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom il-mandat eżekuttiv ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli in esekuzzjoni ta' liema ġie ordnat il-bejgħ tal-propjeta in eżami huwa mull, u wara li ppremettew li permezz ta' rikors ieħor preżentat kontestwalment kienu qed jitolbu r-revoka ta' dak il-mandat, talbu li l-bejgħ jitwaqqaf għall-istess raġunijiet u sakemm tiġi deċiza it-talba għar-revoka.

Illi r-rikors odjern u r-rikors għar-revoka ġew appuntati għas-smigħ f'l-istess ġurnata u ħin, u gew trattati kontestwalment.

Illi għar-raġunijiet elenkati f'degriet ieħor mħoti llum stess it-talba għar-revoka tal-mandat ġiet miċħuda. Għalhekk, la darba l-mandat in esekuzzjoni ta' liema ġie orndat il-bejgħ b'l-irkant għadu in vigore, u la darba ir-raġunijiet li fuqhom hija imsejsa t-talba għas-sospensjoni huma l-istess raġunijiet li fuqhom kienet imsejsa t-talba għar-revoka, liema raġunijet ma rriżultawx ġustifikati, ma jistax jingħad li jeżisti xi impediment leġittimu li jiġġustifika t-twaqqif tas-subbasta.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi **tiċħad it-talba tar-rikorrenti konjuġi Bonello għat-twaqqif tas-subbasta** f'l-ismijiet premessi, b'l-ispejjez ta' dan ir-rikors a karigu ta'l-istess rikorrenti Bonello.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**